MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru 1/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**KEVIN JOSEPH CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Joseph Camilleri, bin Anthony u Agnes nee' Mifsud, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Frar 1979, u residenti Flat No 4, Isle Lander Court, Triq J. Quintinos, Qawra, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 91579(M),

Illi huwa akkuzat talli fit-12 ta'Dicembru, 2008, gewwa Pjazza 5 t'Ottubru, Msida, matul il-jum, ikkommetta serq ta' vettura tat-tip Chevrolet Kalos, bin numru tar-registrazzjoni DBK 462, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jeccedi s-somma ta'elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w

sebgha w tletin centezmu (€2329.37c), u li sehh ghad-detriment ta’Avis Car Hire ta’ l-Imsida;

Ikkommetta reat li ghalih piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza datata d-29 ta’ Mejju, 2006;

Kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’Malta, b’sentenza moghtija lilu fis-16 ta’Jannar, 2007, mill-Qorti ta’ Malta;

Sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza (Dok.JM) moghtija nhar it-12 ta’ Frar 2009, mill-Onor. Imhallef Joseph Galea Debono li tali sentenza tipprovdi s-segwenti:

*“Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat, fuq ammissjoni tieghu, hati tal-imputazzjonijiet w tal-addebiti tar-recidiva, ta’ ksur tas-sentenza sospiza w ta’ ksur ta’ liberazjoni kondizzjonata dedotti kontra tieghu, w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-hati ghal-xahar prigunerija w fejn ordnat lill-appellat li jattendi ghall-programm ta’ riabilitazzjoni kontra l-vizzju tax-xorb minflok tikundanna lill-appellat ghall-piena ta’ erba’ w ghoxrin (24) xahar prigunerija b’dana li tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin li fil-limiti tal-possibbli jghin lill-appellat biex johrog mill-vizzju tax-xorb.*

*Inoltre tordna li kopji ta’ din is-sentenza jintaghatu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif preseduti mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna w mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima biex jittrattaw mall-appellat fir-rigward tas-sentenza minnhom*

*moghtija rispettivament fid-29 ta' Mejju, 2006 u fis-16 ta' Jannar, 2007, fid-dawl ta' din is-sentenza."*

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.14) u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat DOK JM1 is-sentenza tas-16 ta'Jannar 2007 moghtija minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat u ezaminat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell per Onor Imhallef Joseph Galea Debono datata 12 ta' Frar 2009 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Jesmond Micallef) vs Kevin Joseph Camilleri, u l-istruzzjonijiet moghtija lil-Qorti tal-Magistrati f'pagna erbgha (4) tal-istess sentenza DOK JM. Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta datata 16 ta'Jannar 2007 fl-ismijiet Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Kevin Joseph Camilleri.

Ghal dawn il-mottivi issib l-imputat Kevin Joseph Camilleri hati ta' ksur ta' Probation moghtija lilu fis-16 ta'Jannar 2007, u wara li rat Artikolu 23 Kap 446 tikundanna lil-imputat ihallas multa ta erbgha mija hamsa u sittin Ewro sebgha u tmenin centezmu (€465.87) liema multa ghandha tithallas b'rata mensili fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------